

# IT-TIBDIL FIL-KLIMA

**Il-klima qegħda tinbidel minħabba l-kwantità kbira ta' tniġġis li l-bniedem qed jikkaġuna. L-ammonti kbar ta' dħaħen u gassijiet li qed jintefgħu qed iwasslu biex it-temperatura medja tad-dinja tiżdied b'rata allarmanti. Ħafna mis-silġ f'wiċċ id-dinja qiegħed jinħall b'rata allarmanti. Għalhekk qed jittieħdu diversi passi biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima.**

- L-Unjoni Ewropea kienet fuq quddiem fin-negozjati fejn jidħol l-iffirmar tat-Trattat ta' Kyoto, li poġġa miri biex jonqos it-tniġġis. Però fir-realtà ma kienx hemm tnaqqis fl-emissjonijiet.
- L-Unjoni Ewropea qegħda tipproponi li jonqos b'20% il-livell ta' emissjonijiet meta mqabbla mal-emissjonijiet tal-1990 u lesta tgħolli dan il-livell sa 30% jekk ikun hemm ftehim globali dwar it-tnaqqis fl-emissjonijiet.
- L-Unjoni Ewropea qegħda wkoll tieħu passi biex jinbeda l-proċess ta' addattament għat-tibdil fil-klima.
- In-negozjati internazzjonali se jilħqu l-punt deċiżiv ġewwa Kopenhagen f'Diċembru li ġej.

**Bħalissa għaddejjin negozjati fuq livell dinji biex jintlaħaq ftehim dwar tnaqqis fil-livelli ta' emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju (dħaħen jew *carbon dioxide*)**



Malta-EU Steering & Action Committee

indirizz: 280 Triq ir-Repubblika, Valletta tel: 2590 9101 email: info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt